KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 34 Tlieta 15 ta' Ġunju 2021

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier
Danny Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw.

34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 33
REF: 26.4.4 Kommunikazzjoni – CCTV Cameras ma l-ex Zamco
Is-Sindku nfurmat li z-żewġ *cameras* reġjonali twaħħlu, u qegħda f'kuntatt mal-LESA biex jikkonfermaw jekk hux diġà qed jaħdmu. Kif wkoll talbet li ningħataw IP address biex nkunu nistgħu nimmoniterjaw rimi ta' skart illegali.

Rigward tabelli s-Sindku żiedet tgħid li dawn għad jridu jiġu ordnati u qegħda f'kuntatt ma Transport Malta, għax jekk wieħed jipparkja ma tistax tinħareġ ċitazzjoni, jekk ma jkunx hemm tabelli li jindikaw li z-zona hija massa b'CCTV *cameras*.

**REF: 30.4.6 Outdoor Gym Żokkrija u Parkour Blata l-Għolja**
Is-Sindku nfurmat li fadal xi xogħolijiet żgħar x'isiru u li ħa nġiebu kwotazzjoni ta' pjanti, peress li l-post jidher vojt. Il-Kunsillier Cassar nforma li suppost il-pjanta għanda d-disinn ta' pjanti kif kellhom jiġu.
Is-Sindku nfurmat li ltaqgħet mal-kuntrattur tal-Parks and Gardens biex jagħtina ftit idejat, dwar x'nistgħu nagħmlu bħala pjanti ġo *pots* biex insebbħu l-*gym*, u ma jkunx hemm *equipment* biss.

Il-Kunsillier Cassar fakkar li jekk il-pjanti mhumiex parti mit-tender tal-Parks and Gardens, rridu nġiebu tlett kwotazzjonijiet.

Is-Sindku nfurmat wkoll li rċevejna l-kuntratti tal-Ġnien 15 t'Ottubru u tal-Parkour, u għalhekk malli jiġu ffirmati nibdew bix-xogħolijiet.

**REF: 33.3.6 Kommunikazzjoni – Bidnija Bridge - condition report**
Il-Viċi Sindku staqsa jekk bagħtniex *works order* lil Perit tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li iva, u la ħa tibgħat *reminder.*

**REF: 33.3.4 Kommunikazzjoni - Lights Proposal Quote**
Is-Sindku nfurmat li ġiet provduta kwotazzjoni mil MicaMed fejn dan is-*supplier* nforma li m'għandux dwal *solar*, u provda kwotazzjoni ta' €265 eskluż VAT, 30W LED *floodlight*.

Il-membri qablu li nitolbu parir mill-Inġiniera Galea Curmi biex jissuġġerixxu liema dwal jkunu adattati u liema vultaġġ.

**REF: 33.4.5 Triq bla Isem**
Il-Kunsillier Deguara nforma li triq bla isem fi triq il-Kbira, li llum saret tinfed, intgħażel l-isem ta' triq il-Ħbejliet.

Il-membri preżenti unanimament approvaw l-isem.

**REF: 33.4.6 Pjazza Dun Ang Camilleri**
Il-Kunsilliera qablu li ftit il-barra mid-*double yellow line* jiżdiedu 3 *bollards*, u nistaqsu wkoll lil Transport Malta jekk irridux napplikaw kull darba għad-*double yellow line* peress li 5 metri *double yellow line* huma *standard* f'kantunieri. Il-Kunsillier Cassar nforma li ma jaqbilx li jsir bollards fuq double yellow lines.

Fis 6:45pm daħlet għal-laqgħa l-Kunsilliera Rapa.

Is-Sindku nfurmat li din in-naħa tal-bankina, kellu jsir sprall, u l-Viċi nforma li l-Perit tal-Kunsill kellu japplika għal DNO biex issir estensjoni tal-bankina. Waqt il-laqgħa l-Kunsillier Cassar bdew ifittxu *online* l-applikazzjoni tad-DNO, u ma tidhirx li din saret.

La darba l-Kunsill qed jikkunsidra biex jiġi evitat il-problema ta' l-għargħar, il-membri preżenti qablu biex issir talba lil-Perit tal-Kunsill jekk tistax issir sprall min ġo nofs il-bankina biex l-ilma jibqa' għaddej u mhux jiġi devjat lill-hinn mil-*catchments*, kif wkoll jekk saritx id-DNO għat tibdiliet li saru fil-bankina.

**REF: 33.4.3 Street Luminaires**
Saret diskussjoni dwar id-dawl qawwi tal-*luniminaires,* u ġie spjegat mill-Kunsillier Cassar wara laqgħa mal-Planning Authority, li dawn huma skond lis-*specs* mitlubin mil-PA, l-Enemalta u tal-*light pollution committee*, u huma l-istess dwal kif saru f'toroq oħrajn. Dawn maż-żmien id-dawl ma jibqax daqshekk qawwi.

Il-membri preżenti qablu li għad hemm xi toroq li nistgħu nkomplu bil-proġett ta' street luminaires, u s-Sindku nfurmat li tajjeb li jkollna lista waħda u naqduhom flimkien, u talbet lil membri preżenti biex jibgħatu imejl ta' fejn jaħsbu li nistgħu nżidu *street luminaires*, biex nkunu nistgħu nerġgħu napplikaw għal-fondi.

**REF: 33.4.8 Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-lampi tal-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta jekk iċċekkjajna biex jinbidlu għal-lampi *heavy duty.*

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li marret fuq il-post flimkien ma Rita u daru l-lampi, dawk ta' ma l-art, flimkien mal-*bins*, fejn hemm 39 lampa, u 14 *bins.* Il-lampi idealment insibu tal-ħadid, jew ta l-inqas lampi li jkollhom bażi ħoxna u *heavy duty*, għax il-problema fil-lampi li hemm bħalissa huwa għax il-bażi fejn jintrabtu m'għandux aktar min pulzier.
Rigward il-*bins* biex ma nagħmlux żewġ *bins* fejn xulxin u nimlew il-post bil-*bins,* idealment jitqassmu, fejn uħud jkunu għal skart tar-reċiklaġġ u oħrajn għal-borża s-sewda.

Il-membri preżenti unanimament qablu biex l-ewwel nistaqsu lil-kuntrattur tagħna jekk għandux lampi *heavy duty* u biex jipprovdi kwotazzjoni. Rigward il-*bins* il-membri preżenti qablu biex inġiebu kwotazzjoni ta' *bins* ġodda mingħajr *seperators*, kif wkoll kwotazzjoni għal-kontenitur għal-*bins* li hemm fil-post.

**REF: 24.4.5 Kommunikazzjoni – Proġetti**
Il-Kunsillier Cassar talab update dwar ix-xogħolijiet tal-kuntrattur Elles. Is-Sindku nfurmat li ltqajna mal-kuntrattur. Dwar triq Bonnijiet il-kuntrattur kellu bżonn jimmarka fejn ġejjien is-servizzi u kien qed jistenna lil Perit tal-Kunsill. Rigward triq il-Bajtar ltqajna fuq is-sit flimkien mal-kuntrattur, il-Perit tal-kuntrattur u l-Perit tal-Kunsill, fejn is-Sindku nfurmat li għanda titkellem ma Infrastructure Malta biex jimmarkaw sa fejn ser jieqfu bit-tarmak, biex il-kuntrattur jkun jaf min fejn għandu jibda. Zorna wkoll triq il-Midbaħ fejn ser jerġa jagħmel il-bankina fejn ix-xogħol ma sarx tajjeb.

Is-Sindku nfurmat wkoll li dorna l-kuntratt tal-Elles fejn huwa ċar li għalkemm bħala deskrizzjoni hemm li jrid jagħmel bosta affarijiet, it-titlu tal-kuntratt jgħid li huwa fuq manutenzjoni. Saret diskussjoni dwar it-tender liema tender kien sar mil-Perit tal-Kunsill, u l-Viċi Sindku nforma li ħa jipprovdi *draft* tat-tender li jużaw Infrastructure Malta biex naraw it-tip ta' xogħolijiet li għandhom fejn hemm lista sħiħa ta' xogħolijiet bħala BOQ's.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 33.

## 34.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 34.3.1 Kommunikazzjoni – Sleeping Policeman Triq Patri Guze Delia u Triq il-Fortizza

Is-Sindku nfurmat li daħlulha żewġ talbiet għal-*sleeping policeman*.
Is-Sindku nfurmat li triq il-Fortizza kemm ilha li ngħatat it-tarmak, qed jkun hemm *overspeeding.* Diġà kien hemm *sleeping policeman* qabel, u għalhekk qed tiġi proposta li terġa

ssir, imma tersaq lejn il-Paramount Garage. Saret diskussjoni jekk lis-*sleeping police* għandhiex issir tar-*rubber* jew tarmak, minħabba li meta jsiru tat-tarmak il-kuntratturi ma tantx jżommu ma qis partikolari u jispiċċaw qishom muntanja. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li Transport Malta kienu talbuna biex ma nibqgħux nużaw tar-*rubber* peress li dawn kienu qed jinqalaw u jistgħu jkunu ta' periklu.

Rigward triq Patri Ġuże Delia is-Sindku nfurmat li f'din it-triq wkoll qed jkun hemm *overspeeding.* Is-Sindku ħa tipprovdi il-*location* fejn trid tiġi din lis-*sleeping police* biex tinbagħat ittra lir-residenti.

34.3.2 Kommunikazzjoni -Jupiter Roundabout New Statue

Is-Sindku nfurmat li ntbagħtet imejl lil Infrastructure Malta għal *update* tal-pjanti, però għad ma rċevejniex risposta lura.

34.3.3 Kommunikazzjoni - Bdil tal-ġurnata li jinġabar il-ħġieġ

Is-Sindku nfurmat li qed jiġi ssuġġeriet biex tinbidel il-ġurnata ta' ġbir ta' ħġieġ u ma tibqax nhar ta' ġimgħa, dan għaliex l-*organic* jrid jinżel il-Magħtab, reċiklaġġ jrid jinżel Marsaskala u ħġieġ jinġabar fl-aħħar. Għalhekk qed jiġi ssuġġeriet li l-ħġieġ jinġabar it-tlieta mar-reċiklaġġ biex jinġabar mal-kartun.

Fejn jidħol tqassim ta' boroż saret talba lil Green MT biex jissupplixxi 60% tal-*housholds*, għax kull ma qed jagħtina huwa 30% u qed jispiċċaw f'inqas min ġimgħa. Is-Sindku żiedet tgħid li fil kuntratt ġie mniżżel li jrid jissupplixxina boroż li tqarreb is-7,000 *household.* Intbatet imejl lil GreenMT biex jipprovdi aktar boroż, u jekk mhux ser jissuplixxina dan l-ammont ħa nitterminaw il-kuntratt.
Is-Sindku nfurmat li tkellimna mal GreenPAK u lesti li jissuplixxuna 60% tal-*households,* u jekk nipprovdu li vera tqassmu, lesti li jissuplixxuna b'aktar boroż. Kif wkoll *educational stands* fil-Pjazza darba jew darbtejn fis-sena fejn wkoll jkunu jistgħu jitqassmu l-boroż. Is-Sindku żiedet tgħid li GreenPAK għandhom l-iBins li jkunu *monitored* bil kameras u mqabbdin mal-LESA, kif wkoll kunċett ta' *undergorund bins*, li l-Kunsill jista' jikkunsidra li jsiru aktar l-quddiem.

34.3.4 Kommunikazzjoni - Skema-2021-2022 biex isir ingaġġ ta' Uffiċċjal tal-Komunità "Steward" Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex

Is-Sindku qrat iċ-ċirkulari lil membri preżenti. Il-Kunsilliera Bonnici responsabbli mid-dekasteru ta' l-annimali spjegat li dan l-uffiċjal mhu ser jiswa xejn lil-Kunsill. Dan lis-*steward* ħa jkun qed jgħin lil-lokalità tal-Mosta fi trattament xieraq tal-annimali. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li bħala Kunsill diġà applikajna peress li hemm biss 10 *stewards* għal-Malta u Għawdex u l-applikazzjoni kienet fuq *first come first served.*

34.3.5 Kommunikazzjoni – Alteration to kerb ends at Triq ir-Rebbiegħa

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li waqt ronda fil-Mosta biex naraw ix-xogħolijiet tal-Elles flimkien mal-Perit tal-Kunsill, waqt li bdiet titkejjel il-bankina fi triq ir-Rebbiegħa, bosta residenti ħarġu jilmentaw li ma jriduwiex. Għalhekk il-membri preżenti qabli li titla għad-diskussjoni fit-*Traffic Management Committee*.

**34.3.6 Kommunikazzjoni – Żewġ kwotazzjonijiet l-oħra relatati mal-bollards tal-ġebel, fi Vjal Qalbiena Mostin.**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat iż-żewġ kwotazzjonijiet.

**34.3.7 Kommunikazzjoni – talba sabiex minn skala 16 notch 3 titla notch 4 minn Awwissu 2021**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti t-talba ta' l-impjegata s-Sa Wells biex titla *notch* 4 skond il-lista tal-*payscales* maħruġa mis-servizz pubbliku.

**33.3.8 Kommunikazzjoni – talba sabiex minn skala 16 notch 3 jitla notch 4 minn Awwissu 2021**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti t-talba ta' l-impjegat is-Sinj. Debono biex jitla *notch* 4 skond il-lista tal-*payscales* maħruġa mis-servizz pubbliku.

**34.3.9 Kommunikazzjoni – Mafkar fl-okkażjoni tal-150 Anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Bażilika**

Is-Sindku nfurmat li fl-aħħar laqgħa l-Kunsillier Camilleri kien ressaq talba biex jsir mafkar għal-okkażjoni tal-150 Anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Bażilika. Is-Sindku nfurmat li ntbagħtet imejl lil-Kunsilliera bil-*locations* u dettalji tal-mafkar (Appendiċi A).

Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu li dan il-mafkar jsir fil-pjazza flok il-*bicycle rack,* ta' fejn ix-xelter u l-*bicycle rack* tiġi *shifted.*

**34.3.10 Kommunikazzjoni- KLMT-01-2021 - The service for cleaning and clearing of non-urban roads and ares within the locality of Mosta in an Environmentally Friendly manner**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ntbagħat id-*draft* tat-tender, però ma rċevejnhiex *feedback* dwaru, u għalhekk ser tagħti ftit ieħor ċans sa nhar it-tnejn 21 ta' Ġunju biex il-Kunsilliera jilħqu jaqrawħ.

Il-membri preżenti qablu biex issir nota fit-tender, li jekk triq ma tkunx imniżżla, xorta trid issir, u din tkun klawżola fit-tender.

**34.3.11 Kommunikazzjoni- KLMT-02-2021 - Service tender for electrician services at the Mosta Local Council**

Is-Sindku staqsiet lil-membri preżenti jekk kellhomx ċans jaqraw dan it-tender. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li d-DLG nfurmawna li ma nistgħux noħorġu tender bir-rata, imma jrid jinħareġ bis-siegħat.

Il-Kunsilliera Farrugia staqsa kif ser nkunu nafu jekk l-*electrician* jkunx ħadem per eżempju sagħtejn jew le. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din domanda ġiet diskussa, u diffiċli biex taqbad jekk il-kuntrattur jkunx qed jabbuża bil-ħin li jkun għamel bħala xogħol. L-unika soluzzjoni hija li Philip jmur mal-kuntrattur kif dejjem jagħmel fuq xogħolijiet oħra.

**34.3.12 Kommunikazzjoni Triq Ferdinand Calleja**

Is-Sindku nfurmat li fi triq Ferdinand Calleja l-vetturi qed jipparkjaw mal-garaxxijiet, u r-residenti, peress li m'hemmx bankina, qed jkollhom jimxu fit-triq. Is-Sindku żiedet tgħid li tkellmet ma s-Sur Tommy ta' Transport Malta u qrat il-proposti li ssuġġerixxa lil-Kunsill.

Proposti:

- Quddiem il-garaxxijiet jiġi miżbugħ b'żebgħa ħamra wiesgħa 1.5m biex juri li din hija pedonali.

Dawn ir-*road markings* jsiru mqabża bħal ma hemm il-*coast road.*
- Parkeġġ quddiem il-garaxxijiet jiġu mmarkati *dotted yellow lines*, u sinjali bojod ta' parkeġġ fejn jidħlu.
- Ser tkun qegħda titħalla karreġġata ta' 3m biex ikunu jistgħu jgħaddu l-vetturi direzzjoni waħda hekk kif approvata mit-*traffic management* li għamilna Wejda u Dib.

Il-membri preżenti approvaw il-proposti min Transport Malta.

### 34.3.13 Kommunikazzjoni- Tables & Chairs

Is-Sindku nfurmat li rċevejna talba min tlett ħwienet partikolari għal-*tables and chairs*, u l-Viċi Sindku ta' spjegazzjoni ta' l-applikazzjonijiet.

Is-Sindku spjegat li irridu nikkunsidraw l-element ta' parkeġġ fejn nafu li f'ċertu postijiet dawn ser jintilfu. Is-Sindku spjegat li *issue* li ddiskutiet mas-Sur Cohen kienet li jista' jkun hemm *timed parking* ta' 15 sa 30 il-minuta, u jidher li Transport Malta issa qed jagħtu *timed parking.* Għalhekk fuq din is-Sindku nfurmat li għamlet talba biex tal-GOTO jersqu fil-periferija, però ġiet nfurmata li l-għan ta' dawn il-vetturi huwa li jkunu ċentrali, għalhekk is-Sindku ġiet mitluba biex tressaq il-proposti tal-Kunsill għal-kunsiderazzjoni ta' Transport Malta. Is-Sindku nfurmat lil-membri preżenti li issa jridu jiġu identifikati erba' *locations.*

Saret diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar talbiet li nirċievu għal-*tables and chairs*, kif wkoll mil-Planning Authority meta jitolbu għal-*feedback* tal-Kunsill dwar permessi ta' *tables and chairs.* Il-Kunsillier Cassar nforma li minkejja li ser jkollhom permess għal sena (għax jħallsu ta' sena) xorta waħda jekk jarmaw fil-festa, jridu jħallsu tal-ispazju tagħhom.

Il-membri preżenti qablu biex jkun hemm sett ta' kundizzjonijiet li l-Kunsill jaqbel meta jingħataw tali permessi.

Uħud mill-membri preżenti qablu ma dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin;
- Jrid jitħalla aċċess ta' passaġġ ta' minimu ta' 1.2m.
- Mhux permess umbrelel b'reklamar, ħlief *branding* tal-istabbiliment.
- Mwejjed u siġġijiet jridu jkunu ta' l-injam jew ta-ħadid biex jikkumplimentaw il-*village core.*
- Jrid jkun hemm *buffer* bi pjanti bejn l-imwejjed u t-triq.
- Titħallas renta lil-Kunsill, skont l-ispazju li jintuża.

Il-Kunsilliera Bonnici u Micallef ma qablux li tinħareġ no objection għax jintilfu l-parkeġġi. Il-kumplament tal-membri preżenti qablu li lil dawn it-tlett applikanti jingħatalhom *no objection* b'dawn il-kundizzjonijiet.

Fit 8:45 il-membri preżenti qablu li l-ħin tal-laqgħa jiżdied b'nofs siegħa, sad 9:15pm.

### 34.3.14 Kommunikazzjoni- Update -Request for installation of medicines vending machine

Is-Sindku qrat ir-risposta li rċevejna mingħand l-applikant wara li rrispondejna li l-applikazzjoni għal-*vending machine* għal-mediċina ġiet rifjutata.
Il-membri preżenti qablu li din it-talba tiġi rifjutata hekk kif kien diġà deċiż fil-laqgħa preċedenti numru 33.
Fid-9:07pm Il-Viċi Sindku talab biex jiġi skużat mil-laqgħa.

34.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

34.4.1 – Rikonoxximent Mosta Football Club

Il-Kunsillier Zerafa ressaq proposta biex il-Mosta Football Club jingħata rikonoxximent ta' l-unuri li ġabu fil-futbol.
Il-membri preżenti qablu li jingħatalhom tifkira ta' rikonoxximent.

34.4.2 – Whats Their Names Theatre

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li avviċinawa grupp teatrali li jixtiequ jagħmlu użu mil-Greek Theatre, fejn minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID jridu jsibu post addattat. Il-kumitat ta' Whats Their Names qed jitolbu lil Kunsill għajnuna ta' provediment ta' elettriku, *mobile toilets*, u li jiġu *waived* il-ħlasijiet tan-*no objection.*

Il-membri preżenti qablu biex jiġu *waived* il-ħlasijiet tan-*no objection,* provediment ta' elettriku bla ħlas, u li jingħatalhom *mobile toilet* wieħed.

34.4.3 – Ħamiem

Il-Kunsilliera Rapa staqsiet jekk hemmx *update* fuq il-kontroll tal-ħamiem. Is-Sindku nfurmat li ser jkun hemm *press release* nhar il-25 ta' Ġunju*,* għat-tnedija ta' servizz dwar il-kontroll tal-ħamiem.

33.5 Rapporti

34.5.1 Update - Development Funds as at 15.06.2021

*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti ta' kull laqgħa.

34.5.2 Quotation for Cleaning Services at the Mosta Local Council Premises in an Environmentally Friendly Manner

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa tinħareġ talba għal-kwotazzjonijiet għas-servizz, peress li mhux qed jinqabeż il-€5,000 eskluż VAT fis-sena.

34.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

34.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 117.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 27 ta' Mejju sal-15 ta' Ġunju 2021.

34.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

34.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

34.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta Mejju 2021. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

## 34.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:15 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-13 ta' Lulju 2021 fis-6:00pm.

Konfermati llum 15 ta' Ġunju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda Baldacchino Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |